A.L. 30 ta' l-1991

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1991 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1991 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-18 ta' Frar, 1991.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern tas-Swieqi, limiti ta' San Ġiljan, tal-kejl ta' madwar 175 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà ta' Christopher Mercieca, mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' John Pollacco u mix-Xlokk ma' triq pubblika, delineata bl-aħmar fuq L.D. 223/90, u akkwistata bis-saħħa ta' Kuntratt Nru. 120/88 kif tranżunt fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli fit-18 ta' Mejju, 1988.

(2) Flat numru 4, Blokk 6, Triq id-Deheb Fin, Ta' Farzina, Qormi.

(3) Id-dar bin-numru 16, Granaries Square, Floriana (Rural Tenement No. 60833).

(4) Flat numru 6 f'188F, Triq Sant'Ursola, Valletta.

(5) Flat numru 4 fi 2, Triq il-Mediterran, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Valletta.

(6) Id-dar bin-numru 18, Triq San Zakkarija, Valletta.